# QORTI TA'-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).

Illum 3 ta' Awissu 2001.

526/98

Il-Pulizija,
(Spettur Maurice Curmi)
vs
Andrei Previ.

Il-Qorti:

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migjuba kontra l-imputat Andrei Previ ta' 23 sena bin Edward u Maria nee Gialanze imwieled Attard u joqghod 1, Triq Ghargur, Sta. Lucia, detentur ta' karta ta' identita 431874(M);

Akkuzat talli:

1. Bejn is-16 u 17 ta' Marzu 1998 fil-Mellieha, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla 'VW Polo' bin-numru tar-registrazzjoni LEK-253 u detriment ta' Brian Mizzi Festa Ltd, Blata il-Bajda, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini ta' l-Artikolu 261, 263, 267, 271, 278, 279 u 280 ta'-Kap 9 ta'-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-23 ta' Marzu 1998 u fil-granet ta' qabel, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe` ta' vettura ta' l-ghamla VW Polo bin-numru ta' registrazzjoni LEK-253 a detriment ta' Brian Mizzi Festa Ltd, Blata l-Bajda, il-valur ta' liema vettura jeccedi l-elf lira Martin (Lm1,000) ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` vettura ta' l-ghamla VW Polo bin-numru tar-registrazzjoni LEK-253 u detriment ta' Brian Mizzi Festa Ltd, Blata l-Bajda, liema ammont ta' hsara huwa izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ai termini ta' l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal 'set' ta' 'number plates' foloz (U-3247) fuq l-imsemmija vettura u cioe` fuq il-vettura ta' l-ghamla 'VW Polo' (numru ta' registrazzjoni LEK-253) ai termini ta' l-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tac-‘chassis’ tal-vettura ta’ l-ghamla ‘VW Polo’ (numru ta’ registrazzjoni LEK-253) u minfloku wahhal numru tac-‘chassis’ ta’ vettura ohra ta’ l-ghamla ‘VW Polo’ (numru ta’ registrazzjoni L-4027) ai termini ta’ l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta’ ‘number plates’ foloz (U-3247) fuq vettura ohra ta’ l-ghamla ‘VW Polo’ (numru ta’ registrazzjoni LEK-253) ai termini ta’ l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set number plates foloz (U-3247) fuq vettura ohra ta’ l-ghamla ‘VW Plolo’ (numru ta’ registrazzjoni LEK-253) ai termini ta’ l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ l-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta’ l-1994 dwar il-Vettura bil-Mutur (A.L. 128/1994) u ta’ l-Artikolu 15(b) u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fic-'chassis' tal-vetturi ta' l-ghamla 'VW Polo' liema vetturi ghandhom in-numru ta' registrazzjoni LEK-253 u L-4027 u dan ai termini ta' l-Artikolu (A.L.128/1994) u ta' l-Artikolu 18 ta'-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ta' l-Avukat Generali (folio 87) li bih dehrlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija (jew htijiet) taht l-artikoli tal-ligi minnu citati u ghalhekk iddecida skond l-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali li jibghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat skond l-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kap 9.

Rat li l-prosekuzzjoni ma kellix xhieda ohra x'toffri u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dina l-kawza tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet l-imputat seduta stante jirregistra ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

L-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali jipprospettaw r-reat ta' serq aggravat bil-mezz, ammont, hin u natura tal-haga misruqa. Hu wkoll akkuzat ta' ricettazjoni, hsara volontarja u falsifikazzjoni u ai termini ta' l-Artikolu 17 u 91 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L 128/1994) a bazi ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 65.

Mill-provi prodotti jikkonfiguraw sodisfacjentement ir-reati ta' serq u falsifikazzjoni. Ir-reat ta' serq jirrizulta fl-aggravji kollha riportati fir-rinviju ta'-Avukat Generali. L-imputat pero` u seduta stante ammetta ghar-reati kollha kif lilu addebitati fic-citat rinviju.

Din l-ammissjoni l-imputat ghamilha volontarjament u inkondizjonalment.

In vista ta' ta' l-ammissjoni l-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha tiddilunga aktar u ser ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Il-Qorti qeghdha ghalhekk filwaqt li tiddikjara t-tieni akkuza estina, qeghdha issibu hati ta' l-ewwel, it-t-tielet, r-raba, l-hames, is-sitt u s-seba akkuza u wara li rat l-Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325(b), 188, 189, 17(b), 20 u 23 ta'-Kap 9 u r-Regolament 17 ta' l-Avviz Legali 128/1994 flimkien ma' l-Artikolu 18 tal-Kap 65 tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Tapplika wkoll kontra l-imputat l-provedimenti ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannah li jahllas mhux aktar tard minn zmien xahar mil-lum is-somma ta' Lm50. 31, 0.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.